MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Numru 436/2001

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO BARTOLO
VS
CHARLES SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Charles Spiteri, ta’ 37 sena, iben Carmelo u Rose nee’ Delia, imwieled Pieta’ nhar il-10 ta’ Frar 1964, residenti “Binja K”, Entratura A, Flat 7, Triq il-Gizimina, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta tal-Identita’ bin-numru 2074(M).

U huwa akkuzat talli nhar il-5 ta’ Settembru 1991, waqt li kien Hal Ghaxaq, f’xi hin bejn it-8:15 ta’ filghodu u s-1:30 ta’ wara nofs in-nhar ikkommetta serq ta’ diversi oggetti, liema serq ghad-detriment ta’ John Bottiglieri minn Hal Ghaxaq, huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltija;

U aktar huwa akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrenda ruhu recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li gie kkundannat mill-Qrati ta’ Malta b’diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema Atti din il-Qorti ssib htija fl-imputat;

Rat il-Verbal tal-4 ta’ Gunju 2007 fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur, Supretendent Carmel Bartolo, jirrizulta illi fid-data ndikata fic-citazzjoni, l-Pulizija rcivew rapport illi kienet sehhet serqa ta’ oggetti tad-deheb oltre affarijiet ohra minn John Bottiglieri residenti tal-Millieri, Hal Ghaxaq.

Illi ghaldaqstant kienet infethet Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Noel Cuschieri li kien innomina diversi esperti sabiex jghinu f’din l-investigazzjoni.

Illi f’April tan-1999 il-Pulizija rceviet informazzjoni konfidenzjali illi implikat lill-imputat Charles Spiteri. Illi ghaldaqstant gie investigat l-imputat fejn irrilaxxa stqarrija Dok.CB (a fol.11 u 12) fejn l-imputat ghazel illi ma jirrispondi ebda domanda izda li verbalment kien informal ill-Ufficjal Prosekutur illi ma kellu ebda involviment f’din is-serqa partikolari.

Illi ghaldaqstant, fuq talba ta’ l-istess Ufficjal Prosekutur mill-Magistrat inkwirenti, gie nominat PS282 Pierre Grech

u s-Surgent 673 Mallia sabiex jittiehdu impronti digitali u jsir ezami komperattiv.

PC 1510 Ikkonferma r-relazzjoni tieghu konsistenti f’ritratti ezebiti a fol.17 fil-process verbal.

PS 659 Jeoffrey Hughes ikkonferma l-lifters elevati fix-xena tad-delitt, inseriti a fol.21 u 22 tal-process verbal anness ma’ l-atti.

PS 282 Pierre Grech ikkonferma r-relazzjoni tieghu (a fol.32 tal-process verbal) waqt li PS 673 ikkonferma li huwa kien ha l-impronti digitali ta’ l-imputat (ara xhieda a fol.33 u 34 tal-process)

PS 562 Anthony Portelli kkonferma l-istqarrija ta’ l-imputat (ara fol.36)

Supretendent Anglu Baldacchino kkonferma r-rapport li huwa kien ghamel sabiex tinfetah l-inkjesta Magisterjali f’dan il-kaz, liema rapport jinstab a fol.5 tal-process.

Il-Qorti mbaghad rat in-nomina ta’ PS 956 Andrew Caruana li gie inkarigat sabiex jelva l-impronti digitali ta’ l-imputat fil-prezenza ta’ l-istess Qorti. Dawn gew ezebiti u mmarkati bhala Dok.AC1 u AC2 (xhieda a fol.44).

Supretendent Carmelo Bartolo ezebixxa Dok.CBX, fedina penali ta’ l-imputat.

Illi l-Qorti ssostitwit lil Espert Joseph Bongailas bl-espert Ivan Portelli (ara fol.67)

Joseph Bottiglieri (a fol.73), ikkonferma illi kienet sehhet serqa mid-dar tieghu fid-data citata fl-akkuza bi sgass tal-kontraporti ta’ l-aperturi ta’ din id-dar fejn gew misruqa television, zewg videos, ammont konsiderevoli ta’ deheb apparti l-hsara fuq l-aperturi tad-dar. Bottiglieri xhed illi l-valur ta’ l-oggetti misruqa kienu jaccedu l-elf lira. Ikkonferma illi huwa kien inxurjat u li l-Kumpanija England Insurance kienet irrimborsat it-telf tieghu, kagunat minn tali serqa.

Ivan Portelli, Espert ta’ l-impronti digitali, ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dok.IP ezebita a fol.80 fejn ikkonferma bil-gurament illi d-dokument 108 kien gie ddentifikat u mqabbel ma’ seba z-zghir ta’ l-id il-leminija ta’ Charles Spiteri, l-imputat.

WPC 90 (a fol 97) ezebiet ir-rapport Dok.AZ

Illi in kontro ezami, s-Supretendent Bartolo kkonferma illi huwa ma kienx inizja l-investigazzjoni izda kien ha l-kaz wara s-Supretendent Anglu Baldacchino u li sar jaf bil-finger print misjuba fl-inkjesta fid-data illi huwa ghamel ir-rikors lil Avukat Generali.

L-imputat Charles Spiteri xhed illi huwa ma kellu assolutament x’jaqsam xejn mas-serqa meritu ta’ l-akkuza. Ikkonferma li ghalkemm ghadda hafna zmien huwa x’aktarx kien il-habs fid-data tas-serqa. Illi ftit wara x-xhieda tieghu, l-imputat ikkonferma li kien il-habs fin-1992 u mhux fid-data msemmija fl-akkuza.

In kontro ezami, l-imputat ikkonferma illi huwa qatt ma resaq lejn id-dar indikata fic-citazzjoni u qatt ma hadem go fiha.

Ikkonsidrat:

Illi l-unika prova li din il-Qorti ghandha fil-kaz in ezami hija finger print elevata mix-xena tad-delitt fl-inkjesta illi giet imqabbla ma’ dik ta’ s-seba z-zghir ta’ id il-leminija ta’ l-imputat.

Dan gie konfermat mill-espert indipendenti Ivan Portelli, fir-relazzjoni tieghu Dok.IP, apparti konkluzjonijiet simili ta’ PS 282 Pierre Grech (a fol.32) espert dak iz-zmien ta’ komparazzjoni ta’ impronti digitali, permessibli skond il-Ligi vigenti dak iz-zmien izda mhux illum.

Ikkonsidrat:

Illi kif gie ritenut fil-Gurisprudenza Maltija, referibilment ghas-sentenza mill-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Anthony Abela deciza fit-28 ta' Mejju 1998:**

***"Il-prova ta' fingerprint ghandha tkun sufficenti sabiex tissodisfa l-oneru tal-prova tal-prosekuzzjoni u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni tal-provi billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghal htija tal-persuna akkuzata."***

Illi fil-kaz in ezami, l-fond illi safa kolpit mis-serqa meritu ta' l-akkuza huwa dar residenzjali privata, mhux xi post pubbliku bhal xi hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki u ghaldaqstant il-Qorti ma tirrikjedix illi jkun hemm korroborazzjoni minn xi xhieda ohra da parti tal-prosekuzzjoni. In fatti l-istess sentenza tkompli tghid:

***"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li s-suspettat li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew kien dahlu fir-residenza tieghu."***

Illi fil-kaz in ezami, x-xhieda preciza ta' l-imputat tindika kjarament illi skond hu, qatt ma dahal jew resaq fid-dar ta' Bottiglieri, la bhala mistieden tieghu wisq anqas bhala haddiem.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267, 269, 279 u 280 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat taht ordni tal-Probation ghal perijodu ta' sentejn.

Din il-Piena qed tinghata in vista tat-tul li hadu dawn il-proceduri bil-mankanza ripetuta ta’ notifika ta’ l-imputat, in vista tal-fatt illi l-imputat qatta’ perijodu sostanzjali ta’ hajtu fil-habs u li din l-akkuza tirrisali ghal serqa illi sehhet fin-1991.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------